MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2009

Numru 395/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**

**vs**

**Richard Attard**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Richard Attard ta’ 25 sena, iben Richard u Emanuela nee’ Buttigieg, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Dicembru 1981 u residenti 35, ‘Sacred Heart’, Triq Ant. Emm. Caruana, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 662281(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

B’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula f’ rizoluzzjoni wahda talli :

1. Bejn l-1 u t-2 ta’ Mejju 2007 fl-Msida, ikkommetta serq ta’ sett numri tar-registrazzjoni BAR 393, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, sar ghad-dannu ta’ Nicola Cassar minn tas-Sliema;

2. Fit-2 ta’ Mejju 2007, f’ xi hin wara nofsinhar, f’ Santa Venera, ikkommetta serq ta’ stereo tal-marka Pioneer minn vettura Peugeot ABI 362, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, sar ghad-dannu ta’ Graziella Attard mill-Gzira u/jew persuni ohra;

3. Fit-2 ta’ Mejju 2007, f’ xi hin wara nofsinhar, f’ Santa Venera, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ il-vettura Peugeot ABI 362, liema hsara, li tiskorri l-hamsin lira (LM50) izda hija inqas minn hames mitt lira (Lm500), saret ghad-dannu ta’ Graziella Attard mill-Gzira u/jew persuni ohra;

4. Bejn l-1 u t-2 ta’ Mejju 2007, f’ dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe’, in-numri tar-registrazzjoni u l-istereo hawn fuq imsemmija, misruqa, mehudha b’ qerq jew akkwistati b’ reat, jew, xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-ahhar nett akkuzat talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-24 t’ April 2006; kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu b’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 17 ta’ Marzu 2006.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta’ Mejju, 2007 (esebit a folio 13 tal-process) sabiex dawn il-

proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2007 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-22 ta' Gunju, 2009 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena, l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat qed jaghmel programm residenzjali u qed juri l-hegga li jirriforma ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 270, 271, 325, 334 u 28A sa 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti inoltre tordna li l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza li inghatat fl-24 ta' April, 2006 tigi estiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------